MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2009

Rikors Numru. 1206/2008

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1763/08 fl-ismijiet: Av.Ann Fenech karta ta' identita' 27463(M) bhala mandatarja specjali ta' Deval Denizcilik ve Tikaret A.S.**
**vs**

**Commer International Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors tas-socjeta' Commer International Limited (C35395)** fejn talbet li din l-Onorabbli Qorti joghgobha li a termini tal-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 836 u/jew paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta'

l-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna r-revoka contrario imperio tad-degriet li permezz tieghu ordnat il-hrug tal-mandat ta’ sekwestru 1763/08 u tichad definittivament il-hrug ta’ l-isemmi mandat ta’ sekwestru bl-ispejjez.

Rat ir-**risposta ta’ Dr.Ann Fenech nomine** tad 9 ta’ Dicembru 2008 fejn wiegbet li t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti sekwestrata ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Kontestazzjoni**

<u>Kawzali</u>

Is-socjeta’ rikorrenti qed titlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li nhareg kontra taghha. Hi ssottomettiet preliminarjament li hemm konfuzjoni dwar il-kawzali li fuqha nhareg il-mandat mill-intimata noe billi jidher li l-mandat inhareg fuq charterparty datat 30 ta’ Mejju 2008 mentri fil-fatt ic-charterparty proprjament igib id-data tad 9 ta’ Jannar 2007. L-obblikazzjoni kontrattwali tohrog mic- charterparty tat 2007 mhux mill-fixture recap tat 2008 u l-mandat isemmi biss ic-charterparty tat 2008 u l-ebda fixture recap.

Dwar dina s-sottomissjoni, jirrizulta mid-dokumenti ezibiti li c-charterparty bejn il-partijiet kien time charter tad 9 ta’ Jannar 2007 b’fixture recap, cjoe extension ta’ l-istess charterparty, li kellu jibda jew jkompli mit 30 ta’ Mejju 2008 Dok AF1.

Illi l-mandat inhareg mill-intimata noe fuq dak li kien dovut insegwitu ghat-terminazzjoni tac-charterparty tad 9 ta’ Jannar 2007 kif estiz f’Mejju 2008. Fil-fehma tal-Qorti dan kien kaz ta’ charterparty wiehed li gie estiz u l-mandat setgha jinhareg fuq il-kawzali kif imsemmija fl-istess mandat.

Mertu

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li fil-kaz in ezami kien hemm zewg socjetajiet distinti, wahda f'Malta, bl-isem ta' Commer International Limited u ohra fil-Bulgarija bl-isem Kommer International EOOD, li l-isem taghha meta gie tradott, kien l-istess isem cjoe Commer International Ltd ukoll. Hija tirritjeni li l-kumpanija Maltija mhiex parti fic-charterparty imma hija l-kumpanija Bulgara. L-indirizz li hemm fuq ic-charterpary tal-Kumpanija Commer International Limited huwa f'Varna l-Bulgaria u mhux f'Malta. Skond il-kumpanija rikorrenti kien hemm zewg kumpanijii distini, b'personalita' guridika differenti, pero' t-tnejn bl-istess isem, wahda f'Malta u l-ohra fiil-Bulgarija.

L-intimata nomine wiegbet li mhux eskluz li hemm zewg kumpaniji, pero' tirritjeni li l-kumpanija Commer International Limited li hija registrata Malta, kellha l-management u l-operation tal-vapur li kien isir mill-Bulgarija u kienet hi l-parti fic-charterparty u fil fixture recap. L-indirizz ta' dina l-kumpanija tnizzel bhala 29A Macedonia Street, Varna, Bulgaria mentri l-isem tal-kumpanija Bulgara hu Kommer International EOOD u l-indirizz taghha hu Room 43,ZTKA, Port Varna East. (Dok Com 03). Inoltre l-intimata noe tghid li l-kumpanija Commer Int.Ltd, kellha flus Malta u kienet thallas tac-charterparty permezz tal-H.S.B.C.Bank, Malta, u dan il-pagament ma kienx isir ghan nom ta' xi kumpanija ohra. Di piu' meta kien sar overpayment minn Commer International Ltd, l-intimati kienu baghtu l-flus, li kienu overpaid, lir-rikorrenti gewwa Malta. L-intimata nomine semmiet li d-direttur tal-kumpanija Commer International Ltd, Hristof, hu l-istess direttur u shareholder tal-kumpanija l-ohra fil-Bulgara.

Skond l-intimata, meta saret il-freezing injunction fil-High Court, (Dok AF4), n-notifika saret fl-indirizz li gie indikat fic-charterparty, li kien l-uniku indirizz li l-intimati kellhom. Din il-freezing order saret worldwide fuq Commer International Ltd.

**Konsiderazzjonijiet**

L-istharrig li trid taghmel dina l-Qorti f’dan ir-rikors huwa wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu se jigi mistharreg fis-sede proprja bejn il-partijiet.

L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x’aktarx formali ta’ l-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b’mod abbusiv. Ghalhekk f’kazijiet bhal dawn eccezzjonijiet ta’ xejra preliminari mhumiex generalment ammissibili f’dan l-istadju. (App Civ. Sammut vs Sammut 11.5.1962; u GRTU vs P.M. PA.27/7/07)

Is-socjeta rikorrenti qed titlob ir-revoka ta’ dana l-mandat ta’ sekwestru ghax qed issotni li hi ma kienitx parti fic-charterparty li fuqu nhareg il-mandat in kwistjoni u ghalhekk ebda ammont ma hu dovut minnha.

Jidher mill-provi prodotti li, prima facie, l-intimata noe kellha ragunijiet validii ghaliex tohrog il-mandat ta’ sekwestru kontra s-socjeta’ rikorrenti, Commer International Limited, li kienet registrata Malta. L-intimata ressqet diversi ragunijiet ghaliex qed issostni li kienet gustifikata li tohrog il-mandat izda l-Qorti hi tal-fehma li r-ragunijiet segwenti kienu l-aktar determinanti.

Fuq ic-charterparty hemm l-isem hu ta’ Commer International Ltd u mhux ta’ Kommer International EOOD. Ir-rikorrent isostnu li l-isem taz-zewg kumpaniji huwa l-istess meta l-isem tal-kumpanija Bulgara jigi tradott, izda d-dokumenti originali Bulgari, ma jikkonfortawx it-tezi tar-rikorrenti billi f’dawn id-dokumenti tintuza kemm l-ittra C u kemm l-ittra K, u mhux l-ittra K tigi tradotta ghall C. Ghalhekk jidher li hemm zewg kumpaniji, u l-ismijiet mhumiex l-istess. Inoltre jigi rilevat li kelma “EOOD” ma gietx tradotta ghall-“Limited”. Wiehed setgha, fic-cirkostanzi, facilment jasal ghall-konkluzzjoni li hawn si tratta ta’ zewg kumpaniji differenti, kif qed issotni l-intimata noe.

Inoltre l-indirizz tal-kumpanija Commer International Ltd li hemm fic-charterparty huwa 29A Macedonia Street, Varna, Bulgaria li jidher ukoll fil-fixture recap, u fl-ittra li dina l-kumpanija baghtet fejn qalet li ma tistax' tkompli bic-charterparty. Min-naha l-ohra l-indirizz tal-kumpanija Bulgara huwa Room 43,ZTKA, Port Varna East. (Dok Com 03). Ghalhekk mhux inverosimili li l-kumpanija Commer International Ltd, ghalkemm registrata Malta, kienet qed tahdem minn 29 A, Macedonia Street, Bulgarija u topera l-vapur in kwistjoni mill-Bulgarija. L-argument ta' l-intimata wkoll hu msahhah mill-fatt, u dan ma giex spjegat mis-socjeta' rikorrenti, li l-pagamenti ta' dana c-charterparty kien isir minn-Malta, minn Commer International Limited.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti hi tal-fehma li dana l-mandat ta' sekwestru m'ghandux jigi revokat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti;
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------